



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

10141/1/21
REV 1

ECOFIN 633
SOC 415
BUDGET 13
STATIS 28

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8743/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-isfidi tas-sostenibbiltà fiskali li jirriżultaw mit-tixjiħ

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-isfidi tas-sostenibbiltà fiskali li jirriżultaw mit-tixjiħ tal-popolazzjoni, kif approvati mill-Kunsill fit-3803 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Ġunju 2021.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-ISFIDI TAS-SOSTENIBBILTÀ FISKALI

LI JIRRIŻULTAW MIT-TIXJIĦ

Il-Kunsill (ECOFIN):

1. JENFASIZZA li l-popolazzjonijiet li qed jixjieħu joħolqu sfida kbira għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, aggravata miż-żieda sostanzjali fil-livelli tad-dejn tal-gvernijiet wara l-kriżi tal-pandemija tal-COVID-19. Id-dejn huwa mistenni li jibqa' għoli għal xi żmien, minħabba livell għoli ta' inċertezza fl-istadju attwali. JISSOTTOLINJA li huwa partikolarment importanti li jiġi żgurat li l-politiki fiskali jqisu r-riskji għas-sostenibbiltà fiskali kif ukoll l-istat tal-irkupru. JAQBEL li sakemm il-kriżi tas-saħħa tintemm u l-irkupru jkun beda sew, il-protezzjoni tal-ekonomija tagħna permezz tal-użu tal-livell meħtieġ ta' appoġġ fiskali tibqa' meħtieġa. L-appoġġ tal-attività ekonomika u l-mitigazzjoni tal-effetti dannużi permezz ta' miżuri f'waqthom, temporanji u mmirati huma essenzjali għas-sostenibbiltà fiskali fit-tul u l-irtirar prematur tal-appoġġ fiskali għandu jiġi evitat. JAFFERMA l-importanza ta' riformi ambizzjużi u investiment produttiv li jappoġġaw it-tkabbir potenzjali u l-evalwazzjoni sħiħa tal-opportunitajiet li joffru l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-komponenti l-oħra ta' Next Generation EU.
2. JAPPROVA r-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2021 u l-projezzjonijiet ekonomiċi u baġitarji għall-Istati Membri tal-UE (2019–2070) imħejjija mill-Kumitat tal-Politika Ekonomika (il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tixjiħ) u l-Kummissjoni (DG ECFIN) abbażi ta' metodoloġiji u suppożizzjonijiet miftiehma b'mod komuni. F'konformità mal-edizzjonijiet preċedenti, il-projezzjonijiet fir-Rapport dwar it-Tixjiħ 2021 ikopru n-nefqa pubblika marbuta mal-età (il-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul u l-edukazzjoni).

3. JENFASIZZA s-sejbiet ewlenin tar-Rapport dwar it-Tixjijh 2021:

- Il-proporzjon ta' dipendenza tax-xjuħija fl-UE huwa pproġettata li jiżdied drastikament fuq perijodu twil: filwaqt li bħalissa hemm tliet persuni fl-età tax-xogħol għal kull persuna li għandha aktar minn 65 sena, ser ikun hemm inqas minn tnejn sal-2070. Il-kisbiet kontinwi fl-istennija tal-għomor ser jikkontribwixxu b'mod partikolari biex il-popolazzjoni kulma jmur qed tixjiegħ aktar, filwaqt li r-rati tal-fertilità ser jibqgħu ferm taħt ir-rata ta' sostituzzjoni naturali, u l-flussi migratorji netti pproġettati mhux ser ikunu biżżejjed biex ipattu għax-xejra ta' popolazzjoni li qed tiċkien u tixjiegħ.
- It-tnaqqis mistenni tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol ifisser li fuq perijodu fit-tul, il-produttività tax-xogħol issir l-uniku mutur tat-tkabbir potenzjali tal-PDG. Fl-UE kollha kemm hi, ir-rata medja ta' tkabbir annwali tal-PDG matul il-perijodu 2019-2070 hija pproġettata li tibqa' ġeneralment stabbli fil-livell ta' 1.3 % fix-xenarju bażi, bis-suppożizzjoni ta' żieda mdaqqsqa fit-tkabbir tal-produttività totali (TFP). Skont xenarju bi tkabbir tal-produttività aktar baxx, ir-rata ta' tkabbir annwali medja tal-PDG stmata fl-UE tkun ta' 1.1 %. Fl-istess ħin hemm differenzi konsiderevoli fil-potenzjal tat-tkabbir fost l-Istati Membri.
- In-nefqa pubblika totali marbuta mal-età hija pproġettata li togħla b'1.9 punti perċentwali (pp.) tal-PDG bejn l-2019 u l-2070 fl-UE, biex tilħaq 25.9 % fl-2070, għalkemm b'differenzi kbar bejn il-pajjiżi. Fix-xenarju bi produttività aktar baxxa (xenarju ta' tkabbir tat-TFP aktar baxx), din tiżdied b'2.4 pp. tal-PDG bejn l-2019 u l-2070, u tilħaq 26.4 % tal-PDG fl-2070. Fix-xenarju li jqis l-ispejjeż mhux demografiċi u fatturi oħra li jixprunaw l-infiq fuq il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, iż-żieda tkun sa 4.9 pp tal-PDG. Fiż-żona tal-euro, in-nefqa pubblika totali relatata mal-età hija pproġettata li tiżdied b'1.7 pp tal-PDG fix-xenarju bażi, b'2.2 pp. tal-PDG fix-xenarju bi tkabbir aktar baxx tat-TFP, u sa 4.4 pp. tal-PDG fix-xenarju b'żidiet oġġla (mhux xprunati b'mod demografiku) fil-kura tas-saħħa u l-infiq fuq il-kura fit-tul.

- In-nefqa pubblika għall-pensjonijiet hija pproġettata li togħla b'1.1 pp. tal-PDG fil-perijodu sal-2045, u sussegwentement sal-2070 terġa' tinżel b'1 pp. għal livell qrib il-punt tat-tluq (11.7 % tal-PDG għall-UE). Madankollu, in-nefqiet għall-pensjonijiet proġettati jkunu oġhla fil-każ ta' suppożizzjonijiet makroekonomiċi jew demografiċi aktar negattivi. Pereżempju, bis-suppożizzjoni ta' produttività aktar baxxa (xenarju ta' tkabbir TFP aktar baxx), iż-żieda sal-2045 hija stmata għal 1.3 pp. tal-PDG, bin-nefqa għall-pensjonijiet tilħaq it-12.2 % tal-PDG fl-2070. Hemm ukoll diversità sinifikanti bejn l-Istati Membri, li tiddependi mil-livell u ż-żmien tat-tixjiħ tal-popolazzjoni, il-prospetti tat-tkabbir tal-PDG, il-fatturi speċifiċi tas-sistemi tal-pensjoni nazzjonali u, b'mod partikolari, il-progress tal-pajjiżi b'riformi strutturali.
 - In-nefqa pubblika fl-UE fuq il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul hija pproġettata li tiżdied b'2 pp. tal-PDG fix-xenarju ta' referenza, għal 10.3 % tal-PDG fl-2070, li tirrifletti prinċipalment l-iżviluppi fil-popolazzjonijiet. B'kont meħud tal-iżviluppi futuri possibbli fil-fatturi ewlenin tal-ispejjeż li mhumiex demografiċi fin-nefqa fuq il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, iż-żieda proġettata fin-nefqa marbuta mal-kura tkun oġhla b'mod sinifikanti għal 4.9 pp. tal-PDG.
 - Minħabba l-inċertezza eċċezzjonali rigward it-tkabbir tal-PDG wara l-kriżi tal-COVID 19, ġew ikkalkulati żewġ xenarji ta' projezzjoni supplimentari: l-ewwel wieħed jassumi rkupru tardiv fis-snin bikrin tal-perijodu ta' projezzjoni; it-tieni, tkabbir tal-PDG aktar baxx fit-tul jekk il-kriżi jkollha impatt strutturali, b'mod partikolari fuq il-forza tax-xogħol.
4. JAFFERMA MILL-ĠDID li, biex ilaħħqu mal-isfidi indikati mill-projezzjonijiet tan-nefqa marbuta mal-età, ser ikun meħtieġ li l-Istati Membri jieħdu azzjonijiet politiċi ulterjuri biex isolvu kwistjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jindirizzaw il-konsegwenzi ekonomiċi u baġitarji tat-tixjiħ billi jżidu r-rati tal-impjiegi u l-produttività, anke billi jindirizzaw id-disparità bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol, jadattaw is-sistemi tal-pensjonijiet, tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew relatati mas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, inkluż fil-kuntest tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

5. JILQA' l-fatt li fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, ir-riformi tal-pensjonijiet f'dawn l-aħħar għaxar snin kellhom impatt pożittiv billi rażżnu d-dinamika tan-nefqa pubblika u kkontribwixxew għal żieda fl-età medja tal-irtirar. JENFASIZZA l-importanza ta' perspettiva olistika kemm tas-sostenibbiltà finanzjarja kif ukoll tal-adegwatezza tas-sistemi tal-pensjoni. Ir-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet 2021 jikkomplementa r-Rapport dwar it-Tixjiħ 2021 f'dan ir-rigward. JINNOTA li l-iskala tar-riformi f'diversi pajjiżi hija madankollu insuffiċjenti biex titrażżan iż-żieda fin-nefqa pubblika fuq il-pensjonijiet u jinsab imħasseb li f'xi każijiet ir-riformi preċedenti treġġgħu lura. JINNOTA li r-riskji ta' treġġiġh lura jistgħu jiġu mitigati b'mod utli meta jitfasslu riformi li jħarsu 'l quddiem sabiex ikun hemm sjieda nazzjonali. JENFASIZZA li għad jeħtieġ li jittieħdu aktar passi sa ċertu livelli mill-Istati Membri biex tizzied l-età effettiva tal-irtirar, inkluż billi jiġi evitat il-ħruġ bikri mis-suq tax-xogħol, jiġi promoss it-tixjiħ attiv; jissaħħu l-inċentivi biex wieħed jibqa' fis-suq tax-xogħol; u jissaħħu l-elementi tas-sostenibbiltà fis-sistema tal-pensjoni billi, pereżempju, l-età tal-irtirar jew il-benefiċċji tal-pensjoni jintrabtu mal-istennija tal-għomor. Jeħtieġ li jiġu evitati miżuri ta' treġġiġh lura ta' riformi li diġà bdew jitwettqu għat-tisħiħ tas-sostenibbiltà.
6. JAFFERMA MILL-ĠDID li huwa partikolarment importanti li jintlaħaq l-għan doppju li jiġu żgurati kemm is-sostenibbiltà fiskali kif ukoll l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa ta' kwalità tajba u fit-tul għal kulħadd, bit-tiġib fl-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul. F'dak ir-rigward, l-investimenti fil-prevenzjoni u l-kura primarja għandhom rwol ewlieni fit-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa. JENFASIZZA li l-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat ukoll l-importanza tar-riformi u l-investimenti fil-kura tas-saħħa inkluż bil-ħsieb li tizzied il-kapaċità ta' reazzjoni għall-kriżijiet u t-tħejjija għall-kriżijiet.
7. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tieħu kont ta' dawn is-sejbiet marbuta mal-isfidi tat-tixjiħ fl-analiżi u s-sorveljanza fiskali tagħha u biex tieħu kont tal-implikazzjonijiet tagħhom fl-oqsma rilevanti kollha tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fl-UE.
8. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex twettaq il-valutazzjoni profonda regolari tagħha tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi sa kmieni fl-2022 bl-użu ta' dan is-sett ta' projezzjonijiet aġġornat komprensiv u komparabbli. Il-Kumitat tal-Politika Ekonomika għandu jirrapporta lura lill-Kunsill abbażi tal-valutazzjoni.

9. JENFASIZZA l-importanza ta' skambju ta' informazzjoni trasparenti u attiv bejn l-Eurostat u l-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika fl-istadji kollha tat-tħejjija tal-projezzjonijiet tal-popolazzjoni. JISTIEDEN lill-Eurostat biex jittratta l-projezzjonijiet tal-popolazzjoni bħala prijorità u biex jiżgura riżorsi suffiċjenti għal dan il-għan u biex ikompli jsaħħaħ ir-rappurtar lill-Kumitat tal-Politika Ekonomika, bil-ħsieb li jiggarantixxi l-kwalità u s-solidità tal-projezzjonijiet tal-popolazzjoni, b'rispett sħiħ għall-indipendenza tal-Eurostat u l-Istituzzjonijiet Nazzjonali tal-Istatistika. JISTIEDEN lill-Kumitat tal-Politika Ekonomika u lill-Kummissjoni biex jaġġornaw, abbażi tal-projezzjonijiet il-ġodda tal-popolazzjoni li għandhom jiġu pprovduti mill-Eurostat sa mhux aktar tard minn Marzu 2023, l-analiżi tagħhom tal-implikazzjonijiet ekonomiċi u baġitarji tat-tixjiħ tal-popolazzjonijiet sas-sajf tal-2024.
-